**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta' Novembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Joseph Xerri)**

**Vs**

**Mahad Aynaashe**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mahad Aynaashe**, detentur tal-applikazzjoni Refcom bin-numru **26535**,

U nakkużah talli nhar it-28 ta' Ottubru 2019 għal ħabta ta' ħamsa u kwart ta' filgħodu (0515hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' **Muhanad Kaarshe Ahmed** (detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 0178961A**)** f'periklu ċar, ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi;
   *Artikoli 214, 215, 216 (1)(b) u 218 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

*Artikolu 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. Irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor inkarigat min servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularijiet oħra;
   *Artikolu 338 (g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess, kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Fil-kuntest ta' l-ahjar sanzjoni l-Qorti qed tqis li l-imputat ammetta fl-ewwel opportunita li kellu u ghalhekk gie li ghamel ammissjoni bikrija.

**Decide;**

GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b), 338(dd)(g) u 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **Mahad Aynaashe**, fuq ammissjoni tieghu stess, hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tikkundannah tmintax il-xahar (18) prigunerija sospiza ghall-erbgha (4) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A u l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur